IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 37-2017(26_10_17)**

**26 ta' Ottubru 2017**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Fl-assenza tas-Sindku, il-laqgħa tmexxiet mill-Viċi Sindku, is-Sur Robert Mallia.

**37.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

37.1.1 Is-Sinjura Carmen Said - Sindku kienet skużata minħabba li ma tiflaħx.

**37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

37.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħat preċidenti numri 35-2017(17_08_17) u 36-2017(27_09_17) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mill-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**37.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

37.3.1 Is-Sindku kienet indisposta u ma setgħetx tagħti r-rapport tagħha.

**37.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

37.4.1 Is-Sinjorina Sonja Abela infurmat lill-Kunsill li l-Ministru għal Għawdex bagħtet għaliha u infurmatha li d-demmiela ma hijiex ser issir fil-Munxar. Il-Viċi Sindku talab li din l-aħbar tiġi kkonfermata bil-miktub.
Is-Sur Paul Curmi jaqbel li ma hijiex ser issir, iżda jixtieq jikkundanna l-paroli li sar minn ċerti persuni.
Persuna li kienet tagħmel parti mill-pubbliku preżenti talbet permess sabiex titkellem. Wara li ngħata l-permess mill-Viċi Sindku, din il-persuna ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jitlob lill-Ministru għal Għawdex tikkonferma bil-miktub li d-demmiela ma hijiex ser issir fil-Munxar.
Is-Sinjorina Sonja Abela talbet li tara l-liġi fejn hemm imniżżel li l-pubbliku jista' jitkellem. Hija staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv jekk il-pubbliku preżenti jistax jitkellem u kkonferma li jista', bil-permess tal-Viċi Sindku.

Is-Sinjorina Sonja Abela staqsiet fiex waslu l-preparamenti tal-*bar* ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Il-Kunsill għadu qed jistenna lill-Perit Neil Felice japplika mal-Awtorità tal-Ippjanar. Sadanittant, il-Kunsill irid jakkwista l-*garage* ta' taħt l-uffiċċju amministrattiv biex l-oġġetti storjati fil-kamra ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina jitpoġġew f'dan il-*garage*.

37.4.2 Is-Sur Damien Spiteri fakkar lill-Kunsill dwar żewġ ilmenti li kienu ġew diskussi fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Dawn huma dwar bankina li qed tkun ta' ostaklu għall-persuna li jdaħħal il-vettura fil-bitħa tiegħu fi Triq Ras il-Bajjada u dwar talba ta' *double yellow lines* quddiem residenza fi Triq il-Munxar. Dawn iż-żewġ każijiet kienet qed taħdem fuqhom is-Sindku. Ġie deċiż li l-perit jittieħed fuq il-post sabiex jara x'għandu jsir.
Huwa semma wkoll fejn waslet il-*bus shelter* ta' quddiem id-daħla ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina peress li l-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar ġie approvat. Din trid issir mill-kumpanija Faces Consultants Ltd. Ġie deċiż li għal darba oħra terġa' tintbagħat *e-mail* lill-kumpanija u ssir pressjoni sabiex din il-*bus shelter* titwaħħal fl-inqas żmien possibbli.
Huwa semma wkoll jekk huwiex possibbli li ssir ġabra *extra* tal-borża s-sewda. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta għaliex irid isir enfasi fuq il-ġbir organiku.

Il-ħin kien il-5.31 ta' filgħaxija u s-Sur Paul Curmi talab li jkun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**37.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

37.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ż-żewġ sejħiet għall-offerti MXR/001/2017 – Tender for the Services of an Architect (Local Council Projects) u MXR/002/2017 – Road Maintenance & Major Patching Works għalqu fit-3 ta' Ottubru 2017 fid-9:30 ta' filgħodu. Issa l-pass li jmiss hu li jinħatar *adjudication board* sabiex issir l-*evaluation* ta' dawn l-offerti. Huwa ssuġġerixxa li l-*board* ikun kompost minn dawn il-persuni:

Robert Mallia – *Chairperson*
Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv
Daniel Galea – Membru
Mark Busuttil – Membru
William Sultana – Membru

Kien hemm qbil dwar dan.

37.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-vaganzja ta' skrivan/a *full-time* mal-Kunsill. Wara li saret is-sejħa interna, u ħadd ma applika, il-proċess li jmiss kien li tintalab lista ta' persuni mingħand il-jobsplus li jkunu qed ifittxu xogħol għall-skrivan/a u li għandhom ir-rekwiżiti mitluba. Fil-lista tal-jobsplus hemm tnax-il persuna minn Malta u Għawdex. Huma ntalbu mill-jobsplus sabiex jibagħtu s-CV sad-29 ta' Ottubru 2017. Wara din id-data l-Kunsill ikun jista' jintervista lil dawk li applikaw.

**37.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

37.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 23/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett '*Qualification Allowance* għas-Segretarji Eżekuttivi u Ħaddiema Klerikali tal-Kumitati Reġjonali u Kunsilli Lokali'.

37.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 24/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Tibdil fil-*website* uffiċjali tal-Kunsilli Lokali'.

37.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 25/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett '*Seminar* dwar il-preżentazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji għall-2017 (Direttiva Numru 1/2017)'.

37.6.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 26/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali'.

37.6.5 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 27/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Ġuramenti li jittieħdu minn Kunsillieri'.

37.6.6 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 28/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'L-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali'.

37.6.7 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 29/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Kuntratti għal Servizzi skont *Procurement Policy Note 25*'.

37.6.8 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 30/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Twettiq ta' proġetti utli għall-komunità bla spejjeż għall-Kunsilli Lokali'.

37.6.9 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 31/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Proċedura Stabbilita għal meta jinbidel is-Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsill Lokali'.

37.6.10 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 62/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Ħinijiet tas-Seduti tal-Kunsilli Lokali', fejn sabiex il-ħinijiet tas-seduti jkunu aktar *family friendly* qed jiġi ssuġġerit li l-laqgħat tal-Kunsilli Lokali ma jibdewx iktar tard mill-17:30. Dan huwa biss suġġeriment u min mhux ser jimxi miegħu bl-ebda mod ma jkun qed jikser xi regolamenti.

37.6.11 Il-Kunsill irċieva invit u *draft* Aġenda mingħand il-Ministeru għal Għawdex sabiex il-Kunsill jattendi għall-*conference meeting* dwar 'Potential Improvement required in the waste management in Gozo', fit-13 ta' Settembru 2017 fil-Ministeru għal Għawdex.

37.6.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand iċ-*Chairperson* ta' The Marigold Foundation u s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet rigward 'Invitation to Local Councils to participate in the Pink October Campaign 2017'. Sabiex jipparteċipa, il-Kunsill irid jixgħel b'dawl roża *landmark* fil-lokalità għax-xahar ta' Ottubru.

37.6.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand it-Tim tar-Riċerka tal-Fondazzjoni Valletta 2018 fejn qed jinfurmaw lill-Kunsill li bejn it-22 u l-24 ta' Novembru 2017, il-Fondazzjoni Valletta 2018 ser ittella' għar-raba' sena konsekuttiva l-konferenza annwali li din is-sena għandha t-titlu 'Living Cities, Livable Spaces: Place Making & Identity'. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jattendi.

37.6.14 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 65/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Laqgħa Plenarja u Laqgħa tas-Sindki'. Intbagħtet l-Aġenda tal-Laqgħa Plenarja u ngħata aktar tagħrif dwar dawn iż-żewġ attivitajiet u s-suġġetti li ser jiġu diskussi, kif ukoll il-mod differenti kif dawn ser jitmexxew. Il-Kunsill ġie mistieden sabiex jipparteċipa fil-Laqgħa Plenarja tat-30 ta' Settembru 2017 ġewwa l-Lukanda db San Antonio - Buġibba u għal-laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki ta' bejn is-17 u t-18 ta' Novembru 2017 fil-Lukanda Grand Hotel - Imġarr.

37.6.15 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali l-Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Numru 50 tal-25 ta' Lulju 2017.

37.6.16 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 68/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Commonwealth Local Government Conferences (CLGC)', Intbagħtet informazzjoni dwar konferenza li ser issir f'Malta bejn il-21 u l-24 ta' Novembru 2017 bit-tema 'Fit for the Future: resources and capacity for effective local government'. Ir-rakkomandazzjonijiet li se joħorġu minn dawn il-*workshops* ser jiġu diskussi waqt il-laqgħa tal-Commonwealth Hands of Government li ser issir ġewwa l-Ingilterra fis-sena 2018.

37.6.17 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 69/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Transport Malta Stakeholder Consultation Meeting', fit-2 ta' Ottubru 2017. Intbagħtet l-Aġenda ta' *seminar* li ser torganizza TM bħala parti minn proġett li qed tipparteċipa fih dwar trasport innovattiv u sostenibbli. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jipparteċipa u ntbagħat kwestjonarju sabiex jiġi mimli minn dawk il-kunsilliera li ser jipparteċipaw.

37.6.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* b'avviż importanti lill-Kunsilli Lokali kollha mingħand il-Local Councils Affairs, Transport Malta. Il-Kunsill ġie infurmat li ma jistgħux jinħarġu permessi biex tingħalaq jew isiru interventi f'xi triq bejn is-7:00 ta' filgħodu u d-9:00 ta' filgħodu. Dan qiegħed isir sabiex innaqqsu l-konġestjoni tat-traffiku speċjalment ħdejn l-iskejjel u f'inħawi fejn jinġema' ħafna traffiku.

37.6.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarjat Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva rigward il-Premju Anzjanità Attiva 2017, fejn qed titwassal l-ittra mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Anthony Agius Decelis u applikazzjoni għan-nominazzjonijiet.

37.6.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Football Friendly Match between the Malta Local Council Members and Mayors from Holland', fil-Mellieħa Sports Club football ground fis-6 ta' Ottubru 2017 u min ser jipparteċipa huwa mistieden għal diskussjoni dwar 'The Local Government' fil-Paradise Bay Hotel - iċ-Ċirkewwa u *reception* fir-residenza tal-Ambaxxatur Olandiż f'Ta' Xbiex.

37.6.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Stedina mill-Onor. Silvio Parnis (Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet) biex tibagħtu s-suġġerimenti tagħkom'. Peress li nbeda sew proċess sħiħ li se jwassal għar-Riforma fil-Kunsilli Lokali, il-Kunsill qed jiġi mistieden sabiex jibgħat is-suġġerimenti u jgħid eżatt x'jixtieq li jinbidel jew jitjieb fi ħdan l-operat tal-Kunsilli Lokali u kif jixtieq li dawn għandhom ikunu.

37.6.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Federation of Underwater Activities – Malta (FUAM) rigward 'Blue Dolphin of Malta International Underwater Photographic Competition – November 2017', f'Għawdex bejn id-9 u l-11 ta' Novembru 2017. Huma taw aktar informazzjoni dwar l-attività li ser issir fl-10 ta' Novembru 2017 fejn *Scuba* u *Apnea divers* ser ikunu involuti fl-*underwater photography competition* ġo *diving site* f'Għawdex u l-Kunsill ġie mitlub jagħti *no objection*.

37.6.23 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali l-Aġenda tal-Laqgħa Plenarja tat-30 ta' Settembru 2017 u l-Minuti tal-Laqgħa Plenarja għall-Kunsillieri tal-4 ta' Marzu 2017.

37.6.24 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 57/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'EDIC publication "Let's Walk around Europe" and sustainable travelling competition'. Il-pubblikazzjoni 'Let's Walk around Europe' tikkonsisti f'informazzjoni ġenerali, mixjiet illustrattivi fil-lokalità u ritratti ta' *landmarks* ta' bliet u rħula f'Malta u l-istati membri tal-Ewropa. Il-Kunsill ġie mitlub jibgħat informazzjoni inkluż ritratti ta' *walking trails* fil-lokalità u ritratti jippromovu *sustainable travelling*.

37.6.25 Il-Kunsill irċieva kopja ta' *e-mail* li r-Reġjun Għawdex bagħat lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fir-rigward ta' Ċirkulari Nru AKL 47/2017 'Ġbir u mmaniġġar tal-iskart', bil-proposti/kummenti tar-Reġjun Għawdex.

37.6.26 Il-Kunsill irċieva kopja ta' *e-mail* li r-Reġjun Għawdex bagħat lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fir-rigward ta' Ċirkulari Nru AKL 55/2017 'Proposti dwar l-iskemi tal-Ħaddiema mal-Kunsilli Lokali – Reġjun Għawdex', bil-proposti/kummenti tar-Reġjun Għawdex.

37.6.27 Il-Kunsill ġabar kopja tal-Istqarrija mill-Kummissjoni Elettorali datata 29 ta' Settembru 2017 rigward l-'Elezzjoni sabiex jinħatar Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali'.

37.6.28 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kumitat Olimpiku Malti rigward il-'MOC Sports Awards 2017 – (Kunsilli Lokali)', fejn jingħata *award* li dak il-Kunsill Lokali li jkun ta l-akbar kontribut lill-isport Malti. Ġiet elenkata l-lista ta' għaliex il-Kunsill Lokali jista' jiġi nnominat.

37.6.29 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Moviment Kerygma rigward il-'Premju Żagħżugħ tas-Sena 2017', bil-għan li joħroġ fil-beraħ l-impenn taż-żgħażagħ b'mod Nisrani fis-soċjetà Maltija u hu miftuħ għal dawk iż-żgħażagħ kollha li juru sens kbir ta' impenn fil-ħajja Nisranija tagħhom ta' kuljum. Il-Kunsill ġie mitlub jagħmel in-nomini tiegħu għal dan il-premju prestiġjuż.

37.6.30 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex fejn qed jinforma lill-Kunsill bl-indirizz u n-numru tat-telefon il-ġdid ta' dan ir-reġjun peress li fit-2 ta' Ottubru 2017 l-uffiċċju ġie rilokat.

37.6.31 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ministeru għat-Turiżmu rigward l-'EDEN Award for Tangible Cultural Offer'. Huma taw aktar dettalji dwar din l-inizjattiva u l-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jipparteċipa.

37.6.32 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Avviżi Legali 266/2017, 267/2017 u 268/2017 li jemendaw ir-Regolamenti Finanzjarji tal-Kunsilli Lokali'. Kif jistipola Regolament 1 (2) tal-Avviżi Legali, ir-regolamenti l-ġodda jidħlu fis-seħħ fid-data li jistabbilixxi l-ministru responsabbli għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

37.6.33 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Avviżi Legali 268/2017 u 269/2017 li jemendaw ir-Regolamenti Finanzjarji tal-Kunsilli Lokali'. Kif jistipola Regolament 1 (2) tal-Avviżi Legali, ir-regolamenti l-ġodda jidħlu fis-seħħ fid-data li jistabbilixxi l-ministru responsabbli għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

37.6.34 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet rigward 'Avviż dwar ittra - Sejħet is-Siġar'. Il-Kunsill ġie infurmat illi ntbagħtet ittra lill-familji kollha fejn fiha t-tfal (ta' bejn it-tmienja u l-għaxar snin) ġew mistiedna jmorru fil-Kunsilli rispettivi tagħhom biex jiġbru ktejjeb u siġra biex jeħduha d-dar magħhom u jieħdu ħsiebha. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jibgħat in-numru ta' formoli riċevuti lis-Segretarjat u meta jirċievi s-siġar u l-kotba mis-Segretarjat jgħarraf lill-applikanti sabiex jiġu jiġbruhom.

37.6.35 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Clean Up rigward 'Nationwide Spring Clean Up on Earth Day 2018'. Huma qed jimmiraw li jkun hemm 3000 voluntier li jiċċelebra Earth Day (22/4/2018) magħhom u l-Kunsilli Lokali billi jnaddfu l-gżejjer Maltin. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex ikun parti minn dan l-*event* u jisponsorja *waste management*, boroż/ingwanti u parteċipanti mill-Kunsill (bħalma ġara din is-sena f'Let's Do It Malta).

37.6.36 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Uffiċċju tal-Anzjani, Dipartiment tal-*Customer Services*, Sezzjoni għall-Anzjani u Bżonnijiet Speċjali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward 'Kors tal-Università tat-tielet età f'Għawdex 2017-2018'.

37.6.37 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali l-Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Numru 51 tal-31 ta' Awwissu 2017.

37.6.38 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Arts Council Malta rigward 'Invitation to attend the Commonwealth Local Government Conference in Malta, Mediterranean Conference Centre, Valletta', bejn il-21 u l-24 ta' Novembru 2017. It-tema tal-konferenza hija 'Fit for the future: resources and capacity for effective local government'. Ingħatat aktar informazzjoni fosthom dwar il-Youth and Local Government in the Commonwealth – The Commonwealth Local Government Forum u l-Commonwealth Local Government Young Persons' Forum.

37.6.39 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex b'referenza għal Ċirkulari Nru AKL 60/2017 – 'Inizjattiva ta' tindif fil-widien', fejn il-Kunsill ġie mitlub sabiex jaderixxi mar-rekwiżiti kif elenkati fl-istess skema u jissottometti l-applikazzjoni flimkien mad-dokumenti mitluba lir-Reġjun Għawdex sabiex eventwalment ir-Reġjun ikun f'pożizzjoni li jgħaddi d-dokumenti kollha lill-Uffiċjal Inkarigat sal-ġurnata tal-għeluq.

37.6.40 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand iċ-*Chairman* tal-Gozo Climbing Association sabiex issir laqgħa bejnietna fejn jiġu diskussi l-futur tar-*rock climbing* fil-Wied tax-Xlendi u l-*hiking pathway* mix-Xlendi għall-Munxar.
Il-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kienu ser jiltaqgħu miegħu.

37.6.41 Il-Kunsill irċieva invit mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-konferenza li se tittella' mill-Commonwealth Local Government Forum f'Malta bejn il-21 u l-24 ta' Novembru 2017. Din il-konferenza se tkun qed tiddiskuti diversi suġġetti ta' interess għall-qasam tal-Gvern Lokali f'pajjiżna.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

37.6.42 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex b'referenza għall-Inizjattiva Finanzjarja – Għoti mill-ġdid ta' tarmak lil toroq fir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-applikazzjoni sottomessa minnu ma ġietx milqugħa minħabba li l-Perit tal-Kunsill ma bagħatx il-*bill of quantities* rikjesti.

37.6.43 Il-Kunsill irċieva talba għal kostruzzjoni ta' bankina mingħand residenta fi Triq Ta' Luvier, Il-Munxar sabiex issir bankina f'parti fejn ma hemmx fi Triq Ras il-Bajjada, Il-Munxar skont pjanta annessa.
Trid issir *site inspection* peress li ma tistax issir bankina fejn ser tinfetaħ it-triq.

37.6.44 Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi rigward parkeġġ għall-persuni b'diżabilità li sar fl-istess triq permezz ta' żebgħa mal-art. Huwa qed jitlob sabiex issa ssir ukoll tabella.
Din it-tabella saret mill-Kunsill peress li d-Dipartiment, Proġetti u Żvilupp irrifjuta din it-talba.

37.6.45 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Eċċellenza Tagħha Il-President ta' Malta u aktar informazzjoni mingħand il-persuna li ser jikkowordina avveniment tal-Istrina. Il-proġett ser jgħin lil ħafna nies fil-bżonn fl-Istrina billi mill-1 sat-3 ta' Diċembru 2017 f'kull lokalità ser tinkiteb u titpoġġa l-kelma ISTRINA mal-art ġo post ċentrali fejn in-nies se jkunu mistiedna jitfgħu 2ewro u jimlew din il-kelma b'dawn il-muniti. F'dawn it-tlett ijiem l-Eċċellenza Tagħha Il-President ta' Malta ser tkun qed iżżur il-lokalitajiet u flimkien mas-Sindku jgħaddu messaġġ qasir filwaqt li jiġu mqassma tifkira lil dawn kollha preżenti.
Il-Kunsill qed jistenna aktar informazzjoni dwar din l-attività.

37.6.46 Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident fi Triq ir-Ranċiż, Ix-Xlendi rigward kaxxi bojod miżbugħin bl-iswed f'din it-triq. Dan peress li hemm *flats* li taparsi qed jintużaw bħala *garages* u b'hekk ikollhom kaxxa riservata għalihom biss. Għaldaqstant huwa qed jitlob illi jitneħħew il-kaxxi s-suwed u jiġu mitkellma dawn is-sidien biex kulħadd jipparkja *first come, first served*.
Is-Sinjorina Sonja Abela infurmat lill-Kunsill li dan ir-resident mar ikellimha fil-Ministeru għal Għawdex u hija semmiet din il-problema fil-laqgħa mal-LESA.

37.6.47 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi rigward ċitazzjonijiet lil min joħroġ l-iskart mhux skont il-ħin stipulat. Huwa rrefera għall-każ li seħħ fix-Xlendi fejn xi turisti klijenti tiegħu marru jitfgħu fir-*recycling* u ħallew il-borża s-sewda fuq munzell boroż suwed. Huma u l-uffiċjal tal-LESA raw lil xulxin u huma ma kellhomx idea li qed jagħmlu xi ħaġa ħażina meta l-uffiċjal flok spjegalhom tahom ċitazzjoni.
Fil-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ġie deċiż li tinkiteb *e-mail* lil-LESA.

37.6.48 Il-Kunsill irċieva invit mingħand il-Green MT għall-*Press Conference* mal-Eċċellenza Tagħha Il-President ta' Malta fit-30 ta' Ottubru 2017 fil-Palazz ta' Sant'Anton dwar l-inizjattiva għall-Istrina – Tetra għall-Istrina.
Il-Kunsill ħa nota dwar dan.

37.6.49 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand studenta fil-*Healthcare* fl-Università ta' Malta u wkoll residenta fil-Munxar fejn qed tipproponi li jsiru *healthchecks* (*blood pressure* u *glucose level*) u *health advice* (*exercise*) għal massimu ta' 4 sigħat bla ħlas, idealment wara xi quddiesa nhar ta' Ħadd. B'hekk inkunu qed inkabbru l-*awareness* dwar is-saħħa.
Il-Kunsill jaqbel ma' din il-proposta.

37.6.50 Il-Kunsill irċieva ritratti mingħand persuna li qed jirrapporta ħsara fiċ-ċint fit-telgħa ta' Triq San Xmun, Ix-Xlendi.
Din ser tissewwa mill-ħaddiema tas-CMU.

37.6.51 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Green MT rigward kampanja edukattiva għal waqt il-ġimgħa Ewropea għat-tnaqqis tal-iskart (EWWR) bl-isem ta' 'Tetra għall-Istrina'. Green MT se tagħti €60 għal kull tunnellata għal dan it-tip ta' materjal li jinġabar fil-ġimgħa msemmija lil Malta Community Chest Fund Foundation fl-attività annwali tal-Istrina. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jieħu sehem f'din l-inizzjattiva ambjentali fejn ser ikun hemm biljetti x'jintrebħu f'lotterija li jingħataw lir-residenti meta jiġu b'10 kartuniet kemm ħalib jew anke *juices*.
Il-Kunsill ser jieħu sehem u diġà bagħat *flyer* fid-djar.

37.6.52 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin peress li bħalissa għaddejjin fuq ħidma bi ġbid fuq dokumentarju li jittratta Il-Munxar u Ix-Xlendi. Huma qed jitolbu xi ritratti antiki mill-arkivji tal-Kunsill sabiex jiġu skenjati fl-4 ta' Novembru 2017 kif ukoll xi membru tal-Kunsill sabiex issirlu intervista rigward ġrajjiet kurrenti fir-rigward tal-Munxar u Ix-Xlendi.
Il-Kunsill ma għandux ritratti qodma iżda xi snin ilu kien għamel avviż sabiex ritratti antiki jiġu *scanned* u tpoġġew fil-*website* tal-Kunsill.

37.6.53 Il-Kunsill reġa' rċieva lment mingħand sid ta' proprjetà fi Triq Sant'Indrija, Ix-Xlendi fir-rigward tal-ilment li kien irċieva aktar qabel sabiex issir kaxxa safra quddiem il-faċċata kollha ta' din il-proprjetà peress li l-bieb jinfetaħ 'il barra u l-persuna li tuża s-siġġu tar-roti ma tkunx tista' tgħaddi. Qed jintalab ukoll sabiex ma jsirux *double yellow lines* ħalli s-sid ikun jista' jipparkja u peress li l-ġar jista' jkun li jagħmel bankina ġdida, qed jintalab ukoll li ma ssirx bankina quddiem din il-proprjetà msemmija u kollox jibqa' kif inhu.
Din qed tiġi mistħarrġa minn Transport Malta.

37.6.54 Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq l-*internet* dwar *Street Artist* Ingliż li għamel diversi *graffiti* fil-Wied tax-Xlendi u r-reazzjoni ta' xi persuni li rawhom.
Il-Kunsill huwa infurmat li l-Ministeru għal Għawdex u l-Pulizija qed jieħdu l-passi.

37.6.55 Il-Kunsill irċieva lment mingħand persuna li qed tibni dar fi Triq il-Kavallieri, Ix-Xlendi u qed jitlob sabiex isir gandott minn fejn jispiċċa t-tarmak sa ġewwa (pariġġ l-aħħar binja ta' Triq ir-Rumani) skont ritratt anness.
Il-Kunsill ma jistax jagħmel xogħlijiet fi proprjetà privata.

37.6.56 Il-Kunsill irċieva *e-mail* u *reminder* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Case No. 408/2017 – Diffikultajiet Finanzjarji Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill ġie mistieden jissottometti informazzjoni b'mod ċar u b'evidenza dokumentata (eż. *Financial Statements*) dwar x'inhuma d-diffikultajiet finanzjarji li qed ixekklu milli jinqdew il-funzjonijiet tal-Kunsill Lokali.
Il-Kunsill ser jikteb dwar it-tkomplija tal-Pjazza tal-Knisja.

37.6.57 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand IMPEL Communications Co. Ltd peress li qed jaħdmu fuq ir-raba' skeda tal-programm XIFT li issa ser jixxandar fuq TVM. Sabiex idaħħlu aktar il-kultura tal-irħula Maltin għandhom bżonn l-għajnuna tal-Kunsill billi l-Kunsill jibgħat ftit informazzjoni sabiex jippromovu aktar il-lokalità. Il-lokalità ser ikollha ġimgħa sħiħa bħala promozzjoni.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

37.6.58 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet fejn qed jinforma lill-Kunsill li bi pjaċir innota li diversi Kunsilli daħlu għal proġetti kapitali bl-għajnuna ta' fondi addizzjonali, u li dawn huma proġetti ta' fejda. Huwa l-ħsieb tiegħu li dawn l-eżempji ta' prattiċi tajbin mhux biss ikunu rikonoxxuti miċ-ċittadini tal-lokalità iżda wkoll imħabbra bl-aktar mod qawwi fejn anke residenti ta' lokalitajiet oħra jkunu jafu bihom. Għal dan il-għan qiegħed jitlob li jkun infurmat b'dawn il-proġetti u l-i*status* tagħhom u fejn ikun hemm bżonn jagħti wkoll l-għajnuna tiegħu u jkun preżenti meta dan il-proġett ikun konkluż.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

37.6.59 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Onor. Josè Herrera, l-Onor. Ian Borg, l-Onor. Justyne Caruana, l-Onor. Clint Camilleri u l-Onor. Chris Agius rigward l-interpelazzjonijiet li ressaq il-Kunsill dwar il-proġett ta' investiment privat biex jitratta l-i*slurry* mill-irziezet f'Għawdex. Saret referenza għal stqarrija uffiċjali tal-Gvern fejn ġie spejgat li l-inizjattiva hija privata u bħala tali trid issegwi l-proċedura kollha mal-awtoritajiet konċernati qabel tkun tista' tibda topera. Ebda abbuż mhu ser jiġi ttollerat u l-Gvern jassigura li d-deċiżjonijiet jittieħdu biss b'sens komun u maturità wara analiżi indipendenti u xjentifika li tħares l-interessi ta' kulħadd.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

37.6.60 Il-Kunsill irċieva *postcard* mingħand viżitatur Ingliż fejn qed jitlob sabiex fil-latrina ta' Triq San Xmun, Ix-Xlendi l-*partitions* li jisseparaw in-naħa tan-nisa min-naħa tal-irġiel ikunu aktar għoljin.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

37.6.61 Il-Kunsill irċieva stedina mill-Kunsill Lokali Għajnsielem sabiex naqsmu l-esperjenza ta' Bethlehem f'Għajnsielem flimkien. Huwa tkellem dwar il-kunċett ta' 'Be an actor for a day' li din is-sena ser iżidu xi ħaġa oħra simili għal għaqdiet jew NGO's. Il-Kunsill intalab jgħaddi dan il-messaġġ lill-għaqdiet u lil min hu interessat u ġie mħeġġeġ ukoll sabiex jorganizza xi ħarġa għan-nies tal-lokalità. Huwa tkellem ukoll dwar il-ħsieb li l-maġi tagħhom iżuru l-irħula u ssir xi attività żgħira fejn iżuru każini, djar tal-anzjani u l-knisja tar-raħal.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

**37.7 Proġett ta' proċessar ta' demel tal-bhejjem fil-Munxar**

37.7.1 Il-Viċi Sindku qal li l-aħbar li dan il-proġett ma huwiex ser isir fil-Munxar intlaqgħet tajjeb iżda jkun aħjar li kieku l-Kunsill jirċievi uffiċjalment bil-miktub.

Is-Sinjorina Sonja Abela staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv dwar il-laqgħa li kellha ssir mal-Ministru Josè Herrera, Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima dwar id-demmiela fil-Munxar. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-laqgħa tħassret wara li dawk li kienu wrew il-ħsieb li jattendu ddeċidew li ma jattendux u ovvjament il-laqgħa ma tistax issir mingħajr l-attendenza tal-kunsilliera.

**37.8 Sejħa għall-offerti – proġetti fil-Munxar**

37.8.1 Bħalissa l-Kunsill qed jaħdem fuq żewġ *tenders* li huma xiri ta' lanterni għal fuq il-*lamppost* fix-Xlendi u xiri ta' siġar għall-*pots* fix-Xlendi.

Il-ħin kien is-6.35 ta' filgħaxija u s-Sinjorina Sonja Abela ħarġet mil-laqgħa għaliex is-Segretarju Eżekuttiv qal li qiegħda tigdeb dwar il-laqgħa li kellha ssir mal-Ministru Josè Herrera, Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima.

Il-laqgħa kellha titwaqqaf peress li ma kienx hemm *quorum*.
Ġie deċiż li l-laqgħa titkompla nhar il-Ħamis, 2 ta' Novembru 2017 fil-5 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 27 ta' Diċembru, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Robert Mallia<br>Viċi Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |